L-EWWEL KTIEB
TAL-GHOXRIN SENA

MARZU
1944

# IL-MALTI

## QARI

LI TOHROG

*IL-GHAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI*

KULL TLIET XHUR

ROYAL UNIVERSITY LIBRARY MALTA

## IL-KITTIEBA TA' DAN IL-GHADD

| | | |
|---|---|---|
| EDITORJAL—Parir lill-Kittieba | Faċċ. | 3 |
| GUŻE' CHETĊUTI—*Lil Malta* | ,, | 4 |
| DUN KARM—T'Adoriam Ostia Divina | ,, | 5 |
| DUN FRANS CAMILLERI—*Ward l-Imħabba* | ,, | 9 |
| G. Z. A.—Xewqa... u Pjan | ,, | 10 |
| A. CREMONA—*Xi Żmien Kien Dak!* | ,, | 12 |
| VIC. APAP—Gidba Żgħira | ,, | 14 |
| LOUIS ELLUL—*Sunetti tal-Gwerra* | ,, | 17 |
| Ġ. CASSAR PULLICINO—"Bianca" | ,, | 19 |
| E. AGIUS—*Is-Sigriet ta' Mejju* | ,, | 21 |
| PAUL J. NAUDI—It-Tiddin tas-Serduk | ,, | 22 |
| K. VASSALLO—*Lil Ibni Oliver Paul* | ,, | 26 |
| N. BIANCARDI—L-Arka ta' Noe | ,, | 28 |
| a.c.—Reċensjoni | ,, | 31 |

# IL-MALTI

## QARI

LI TOHROG

*IL-GHAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI*

KULL TLIET XHUR

IL-GHOXRIN SENA 1944

MALTA — 1944

STAMPERIJA TAD-DAR TA' S. ĠUŻEPP.

HAMRUN.

# IL-MALTI

QARI LI TOHROĠ *IL-GHAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI*

MARZU 1944


*EDITORJAL*

## *PARIR LILL-KITTIEBA*

*NIXTIEQU naraw aktar proża ippubblikata bil-Malti; il-letteratura tagħna jeħtiġilha li tkun mogħnija aktar b'xogħlijiet ta' proża. Għandna bil-Malti ħafna xogħlijiet żgħar, l-aktar ta' poeżija, li għalkemm tajbin, qatt ma jaslu biex jiffurmaw patrimonju letterarju nazzjonali.*

*Letteratura għolja u mseddqa trid tkun imżewqa b'xogħlijiet kbar li jsarrfu ħafna u mhux b'ħafna naqriet sbieħ kemm ikunu sbieħ; dawn inqisuhom bħala ħaġriet ċkejknin prezzjużi, imma x-xogħlijiet kbar u ta' pis isawru l-kuruna li fuqha jitwaħħal il-ħaġar għani; u mingħajr din il-kuruna f'rasha l-letteratura tagħna ma tkunx setgħana u mweġġha kemm nixtiequ narawha.*

*Ħafna mill-awturi tagħna ma għandhomx iż-żmien jew is-sabar biex jinxteħtu għal xogħlijiet twal li jeħtiġilhom idumu jaħdmu u jaħsbu fuqhom ix-xhur jew is-snin; xogħlijiet bħal dawn huma ebsin wisq, imma min irid jagħmel isem bħala kittieb jeħtieġlu jmidd għonqu għalihom għax l-"opus" li jħassel isem għal awtur ma jsirx minn ħafna ntietef jew tlaqqit. Bosta kittieba tiġihom lehma, joqogħdu bil-qiegħda, jaqbdu pinna u f'radda ta' salib iħożżulek sunett jew xi poeżija oħra li aktarx jiġrilha bħal sajjetta: tilma, tleħħ, issamma' ragħda u tintemm.*

*B'daqshekk ma nsawrux letteratura għanja u li tista' toqgħod ħdejn oħrajn barranin; jekk irridu nkabbru u ngħollu l-letteratura tagħna jeħtiġilna naħdmu iebes, bil-ħerqa, bis-sabar u bil-għaqal biex noħorġu xogħlijiet kbar, sbieħ u ta' interess li ma jmut qatt.*

*G.Z.A., f'artiklu wisq interessanti: "Xewqa... u Pjan", li jidher f'dan in-numru ta' "Il-Malti", kiteb: "Kull xorta ta' kitba letterarja hija r-riżultat ta' ħafna xogħol iebes, thejjija siekta u sabar twil. Saħansitra l-aktar storja sempliċi titlob ħafna ħsieb." Dan il-parir jiswa mitqlu deheb, u l-kittieba tagħna jmisshom jaqraw dan l-artiklu tas-Sur Zarb Adami u jixtarruh tajjeb għax*

*fih tagħlim siewi. Mhux kull min jixtieq u jħoss il-ħajra jirnexxi kittieb, iżda min jibda, jissokta u jispiċċa sa l-aħħar, itemm xogħlijiet ta' min iqishom.*

*Hafna mill-awturi tagħna jistgħu kieku jridu jiktbu opri li jagħmlu ġieh lilhom u lil ilsienna, imma biex jagħmlu dan iridu jdumu jbatu u jegħerqu u jaħsbu u jħabblu moħħhom u jishru u jmaħħu. Dan, jisgħobbina ngħidu, ma jagħmluhx il-kotra tal-kittieba tagħna; bosta minnhom jiktbu ħafna ntietef li jgħaddu mar-riħ u ma jħallu fejda ta' xejn.*

*U aħna dan li nixtiequ jkollna fil-letteratura tagħna: xogħlijiet ta' fejda li ma jintsew qatt, li jagħmlu ġieh lil ilsienna u lil min kitibhom.*

---

# LIL MALTA

*Ta'* ĠUŻE' CHETCUTI

Xejn m'hawn sabiħ madwari. Xtaqt għall-ħila
Li wrejt fil-ġlied imdemmem, u għall-qlubija,
Nagħtik tifkira li għal dejjem tibqa',
Tifkira ħajja bl-aqwa ġmiel mogħnija.

Fittixt fit-toroq: ġrejt fl-ibliet u r-rħula,
Nixxennaq għas-sabiħ b'ħeġġa u bi ħrara,
Ma rajtx ħlief ħerba. Hassejt għafsa f'qalbi
Xħin, mort fejn mort, ma sibtx ħlief dmugħ u ħsara.

Fittixt fil-qalb ta' l-iżmna: rajt imġarrfa
Il-monumenti, il-wirt ta' ġrajjiet kbar,
Smajt iċanfarni l-leħen ta' l-imgħoddi
B'qawwa qalila: mill-ħażin għall-agħar

Id-dinja miexja, ħsiebha fl-għajb imgħar'rar,
Xewqatha mkebbsa bin-nirien tal-ġlied,
Insiet xinhuma l-ġid u l-ġieħ fost l-aħwa,
U kemm meħtieġa r-rabta fost l-ulied.

Malta maħbuba, s-safa ta' ġo ruħek
B'dat-tajn iddennes, minn barra miġjub,
U, xħin fittixt, sibt ħerba sħiħa f'artek,
U ħerba u qerda akbar ġewwa l-qlub.

Xejn m'hawn sabiħ madwari. Imkien ma sibtha,
Malta, t-tifkira li fittixt għalik;
Għandi dil-qalb ta' Malta u ta' poeta,
Egħżeż w isbaħ ma nsibx x'nista' nagħtik.

28. 2. 44.

*Il-kittieb tagħna jitħaddet fuq l-Istorja ta' l-Innu li tkanta mit-tfal maltin fil-Kungress Ewkaristiku Internazzjonali li sar hawn Malta fl-1913.*

# T'ADORIAM OSTIA DIVINA

*Ta'* DUN KARM

QATT ma kont nitkellem fuq dan l-innu, kieku xi ġrajja li għaddew mingħalih ma tawhx impurtanza barranija.

Dan l-innu twieled hekk: Kont qiegħed fit-Triq ir-Rjali tal-Belt, meta kienu ġa qegħdin jaħsbu għall-programmi tal-festi li kellhom isiru għall-Kungress u, billi dak kien ġieh mill-akbar li gżira ċkejkna, bħalma hi Malta, setgħet tistenna, il-Maltin kollha kienu mħeġġin ihejju laqgħa mill-aħjar lil Ġesù Ostja, fiż-żjara sabiħa li kien sejjer jagħmlilna. U ġie fuqi s-Surmast tal-mużika Ġużeppi Caruana — Alla jagħtih il-ġenna — u qalli: "Dun Karm, nixtieqek tiktibli ftit versi, biex nagħmilhom bil-mużika u jkantawhom it-tfal wara t-tqarbina tagħhom, u fil-proċessjonijiet li jsiru ma' tul il-Kungress."

Jiena wegħedtu li naqdih, u l-għada ħadtlu xi tliet strofi l, ingħid is-sewwa, ma kinux għal qalbi, għaliex neqsin mix-xejra popolari; u kif iltqajt miegħu għidtlu bil-kunfidenza ta' ħbieb li konna: "Ġuż, ara x'jidhirlek: lili ma 'jogħġbunix ħafna."

Qrahom, fliehom u bil-ħlewwa li kienet tiegħu qalli: "M'humiex dawn il-versi li xtaqt."

Jiena weġibtu: stenna sa għada, u nitma li jkollok xi ħaġa aħjar. U l-għada ħadtlu dawk il-versi li l-lum naħseb li jafhom, jew jaf bihom, kull ħadd. Iltqajna fil-kuritur tal-lemin ta' San Ġwann. Kif qrahom "Dawn huma," qalli. Jiena issoktajt: "U ara, Ġuż, il-mużika hix xi ħaġa bħal din?" U għannejtlu motiv minn għanja Maltija li kont smajt eluf ta' drabi mill-bdiewa u mix-xbejbiet Maltin fil-beraħ tar-raba'. Mistagħġeb, fetaħ dirgħajh, fettex fil-but u sab biċċa karta u qalli: "Hawn, araha!" Ħażżeż erba' noti u beda jkantahom. "Għada", issokta jgħidli, "nibgħatlek kopja": u l-għada ġiet il-kopja ta' dawk l-erba' noti tal-għaġeb li minn dak in-nhar xterdu u nstemgħu mad-dinja kollha.

Issa billi konna nafu li f'dawk il-ġranet kellhom jaslu eluf u eluf ta' nies minn kull naħa tad-dinja, ħsibna li kieku nippubblikaw dak l-innu — versi u mużika — biex jiġi f'idejn il-kotra l-kbira tan-nies tagħna u tal-barranin; għalhekk irsaqna fuq wieħed mill-aħjar librari u stampaturi tal-Gżira, biex naraw jekk iridx jieħu f'idejh dik il-biċċa xogħol. Biex inħajruh għidnielu li nċedulu l-proprjetà letterarja u li ma nistennewx mingħandu ħlief ftit kopji għalina u għal xi ħbieb tagħna. Kliemna baqa' bla milqugħ u l-Innu baqa' biss fil-karta li konna ktibna jiena u s-Surmast Caruana.

Billi dak l-innu kellu jitkanta l-iżjed mit-tfal tad-Dutrina ta' San Ġakbu wara t-tqarbina fil-knisja ta' San Publju, il-Furjana, id-Direttur ta' dak l-istitut ħa ħsieb jistampa xi ftit kopji tal-versi u jagħmel bl-idejn xi ftit kopji tal-mużika; iżda la hu anqas ħaddieħor ma ħa ħsieb iqiegħed l-isem ta' l-awtur tal-kliem u ta' l-awtur tal-mużika.

Waslu l-ġranet tal-Kungress u l-innu kantawh, l-ewwel darba, it-tfal fil-waqt li kienu diħlin mill-Furjana għall-Belt, bħalma għidna, wara t-tqarbina li saret hemmhekk, u ngħoġob bla tarf. Għadni niftakar li Mons. L. Bignami, Arċisqof ta' Sirakuża, li kien ma' ġenbi f'gallarija tat-Triq ir-Rjali, qalli: "Così si canta in paradiso — hekk ikantaw fil-ġenna."

Fost l-isqfijiet li kienu ġew għall-Kungress, kien hawn Mons. Arista, ta' Acireale, u s-segretarju tiegħu, imgħaġġeb bil-ħlewwa ta' dak l-innu, talab kopja tal-kliem u tal-mużika biex jeħodhom miegħu fid-djoċesi ta' Acireale, u xi ħadd tah kopja tal-kliem u tal-mużika kif kienu, mingħajr l-isem ta' l-awtur tal-wieħed u ta' l-oħra: ħadhom miegħu u wara ftit taż-żmien, ingħidu b'għafsa ta' qalb, dehru stampati hemmhekk bl-avviż "li ħadd ma jista' jarġa' jistampahom!!!" Għad baqagħli xi kopja minn dawk ta' Acireale.

U għadda ftit taż-żmien u għodwa waħda ltaqa' miegħi, fit-Triq ir-Rjali tal-Belt, Mons. L. Farrugia u tarrafli li hu kien hejja u kien fi ħsiebu jistampa daqsxejn ta' ktieb bħala tifkira tal-Kungress Ewkaristiku ta' Malta, u ssokta jgħidli: "Għajb, jaħasra! li dak l-innu sabiħ li kantaw it-tfal ħadd ma għaraf igħidli minn fejn ġie u min hu l-awtur tiegħu!" Jiena dħakt u għidtlu: "Imma inti staqsejt?" "Ma nafx ingħid lil

kemm-il-wieħed," weġibni, "u fosthom xi katekisti minn ta' San Ġakbu, u ħadd, ħadd ma għaraf jagħtini xi dawl."

Meta għidtlu li dak l-innu kien Malti, u li l-versi kont ktibthom jien u l-mużika kitibha Ġużeppi Caruana, beda jrodd isslaleb u qalli: "Mela issa jkolli nżid Nota f'tarf il-ktieb biex ingħid dan li inti qed tgħidli, għaliex għajb għalina, Maltin, li ma nagħarfux u ma ngħożżux ħaġa Maltija li tagħmel ġieħ lil Malta!" U dik in-Nota żdiedet.

Fl-Italja l-innu qabad sewwa u deher stampat f'Paliermu u fi bliet oħra.

Issa ġara li f'xi parroċċi ta' Malta, l-iżjed fir-rħula, għal xi ħabtiet bħalma huma l-festi ta' Corpus u tal-Qalb ta' Ġesù, inkella nhar ta' Ħamis waqt l-"Ora Santa", beda jitkanta dan l-innu; iżda, billi fir-rħula n-nies ftit li xejn taf bit-Taljan, fettxew li jaqilbuh fil-Malti, kulħadd kif deherlu hu, u ma nafx ingħid kemm suriet u tifsiliet ħarġu li ma kienu jġibu xejn għall-motiv u għar-ritmu tal-mużika.

Biex nilqa' kmieni għal dan il-għawġ, ħsibt li naqleb jien dan l-innu fil-Malti, u fl-1924, deher stampat f'"Il-Ħabib", u mijiet ta' kopji tqassmu fil-gżejjer ta' Malta u Għawdex.

U għadda ż-żmien, u darba waħda, fis-sena 1931, jiena u Dun Franki Calleja Gera tkellimna fuq il-Kungregazzjoni ta' "I Paggi d'Onore del SS. Sagramento", ta' Ruma, kollha tfal jew żgħażagħ impjegati, u tani f'idejja daqsxejn ta' ktieb bl-innijiet li l-paġġi l-kbar ikantaw kulljum fil-knisja tagħhom fil-għodu qabel ma jmorru għax-xogħol u fil-għaxija qabel ma jinġabru d-dar wara x-xogħol.

Fost dawk l-innijiet nilmaħ l-Innu Ewkaristiku tagħna; bl-isem ta' "Inno di Adorazione". Stagħġibt, u għidt ġo fija: "X'ħasra! Ħaġa Maltija titfa' l-egħruq f'Acireale, f'Paliermu, f'Napli, ġo Ruma, u bil-kemm kellha l-ħila xxenxel xi għerq f'pajjiżha, ġo Malta!"

Billi ma kien hemm xejn f'dak il-ktieb li sata' juri fejn tnissel dak l-innu u min kienu l-awturi tiegħu, jiena ħsibt li nikteb ittra ġentili lill-Presidenta tal-Paġġi, is-Sinjurina Liverani, u nfihemha li dak l-innu kien warda Maltija li fetħet fil-Kungress Internazzjonali ta' Malta, fl-1913, u li jiena kont nixtieq, mhux għall-ġieħ persunali tiegħi u tas-Surmast Caruana, iżda biss għall-ġieħ ta' Malta, li jekk issir edizzjoni oħra ta'

dawk l-innijiet tiżdied daqsxejn ta' tagħrifa li tgħid li dak l-innu hu xogħol Malti, u kif u meta nħoloq.

U hekk għamilt; u ma għaddiex żmien wisq u s-Sinjurina Liverani wieġbet b'ittra sabiħa fejn fissret il-ferħ tad-Diretturi li fl-aħħar saru jafu min huma l-awturi ta' l-innu "T'Adoriam Ostia Divina". U qaltli li dak l-innu kienu ġibuh minn Paliermu u kienu għamlu kemm setgħu biex hu jsir popolari, bħalma tassew kien sar popolari f'Ruma u f'naħiet oħra ta' l-Italja. U biex turini li hi xtaqet twieġeb ukoll għax-xewqa tiegħi, fil-ħarġa ta' "L'Amico dei Pargoli" ta' Marzu, 1932, u fil-ħarġa ta' "Tarcisio" ta' April, 1932, il-wieħed u l-ieħor organi tal-Paġġi tas-Sagrament, ġiebet din it-tagħrifa: "C'informano da Valletta che l'inno popolare 'T'adoriam Ostia Divina' che si canta dai Paggi d'Onore di Roma, non che in altri centri d'Italia e fuori, fu musicato dal valente maestro G. Caruana e si eseguì per la prima volta nell'occasione del Congresso Eucaristico Internazionale tenuto a Malta nel 1913."

U li dan l-innu hu popolari fl-Italja, jidher minn dan li kitibli Mons. Pawlu Galea minn Ruma fit-12 ta' Ġunju, 1936, meta saret it-tifkira tal-Kungress Ewkaristiku Internazzjonali li kien sar hemmhekk sittax-il sena qabel: "Monsinjur, ma ngħidlekx il-gost li ħadt, x'ħassejt meta smajthom ikantaw it-'T'adoriam' tiegħek. Kien ikantaha kulħadd: il-kleru (il-mijiet), dawk ta' l-Azzjoni Kattolika, il-bniet ta' l-Istituti, miġburin hawn u hemm bil-mijiet, lebsin kollha l-abjad, bl-istar tal-filoxx fuq rashom, bil-bandalori u l-kannestrijiet tal-ward: kien ikantaha kulħadd u ma nkunx nigdeb jekk ngħidlek li kienet il-kanzonċina preferita."

U li dan l-innu mżejjen bil-mużika ħierġa mill-qalb imħeġġa tas-surmast Ġużeppi Caruana daħal fil-qalb ta' kull min jifhem xi jfisser is-Sagrament ta' l-Ewkaristija u xi jfissru l-Kungressi Ewkaristiċi Internazzjonali jidher minn dan, illi sewwa fl-oriġinal bit-Taljan u sewwa fit-traduzzjonijiet f'ilsna oħra, tkanta bl-akbar entusjażmu fil-Kungressi Internazzjonali kollha li ġew wara tagħna.

Għalhekk Malta li tat lil Ġesù Ostja din il-warda li xenxlet u qabdet fil-ġonna ewkaristiċi tad-dinja kollha għandha tassew biex tithenna.

# WARD L-IMHABBA

*Ta'* Dun Frans Camilleri

*Lil* Victor Apap,
*siehbi fil-kitba Maltija.*

Fi ġnien sabiħ li jħaddar biss mal-ħdura
ħġejjeġ ta' ward imfewħa,
daħal ferħan, ħaddejh ħawħiet bil-ħmura,
żagħżugħ il-ġmiel biex jaqta' warda waħda:
'mma ried jagħżilha sbejħa
għal dik li jħobb li m'hix mill-ġmiel imċaħħda.

U ġera bin l-imħabba fejn daħkana
sejħulu l-ward żeffiena;
u resaq ħdejhom miż-żegħil għatxana
ta' subgħajh ħelwa u qal: Jien nieħu miegħi
il-warda sbejħa u ħelwa
li tfisser dak li tħobb l-imħabba tiegħi.

U kif qal hekk, it-Tulipan ħamrani,
li kien jissemma' wieqaf,
daħak mal-fewġa. Imma ż-żagħżugħ daħkani:
Jisraqni ġmielek, qallu, iżd'għax magħluqa
ma nifhimhiex lil qalbek,
u nibża' l' hija wkoll ma tħobbx egħluqha.

Xħin rafa' ħarstu s-sbejħa 'l fuq quddiemu
lemaħ, bħall-kwiekeb, qtajja'
ta' Ġiżimin. U xħin stennew lil kliemu,
kien ġa sa jaqta' waħda, imbagħ'd qalilha:
Ġmiel ma jonqsokx u mħabba;
'mma int tmut mat-triq, w hi ma ssibekx tidħkilha.

U biss minn hemm ġibditu Warda ħamra,
mimlija, u dlonk kellimha:
Bħalek ma rajtx fil-ġnien. Int biss fil-kamra
tidħol ta' mħabbti: il-ġmiel jagħnik u l-fwieħa.
Trid tħobbok dik li tħobbni,
w int tħobbha xħin tar'ha għax hi sabiħa.

SILHOUETTE

# XEWQA... U PJAN

*Ta'* G. Z. A.

NIXTIEQ nikteb storja hekk sabiħa li ġġennen lil kulħadd bi ġmielha, imma jaħasra għalija, la naf noħloq suġġett li jolqot il-moħħ jew il-qalb u lanqas m'għandi l-ħila nirqem l-istorja li nixtieq nikteb (jekk qatt jirnexxili) bil-kliem li jkunu jixirqulha. Naħseb li hawn bosta li jħossu u jixtiequ bħali u li ħafna drabi jaqbdu l-pinna f'idejhom u jqiegħdu l-karta quddiemhom, imma jibqgħu ma jagħmlu xejn ħlief forsi jħarbxu xi żewġ kelmiet 'l hawn u 'l hinn, li la jkun fihom sens u lanqas sugu.

Lil dawn it-talin, kittieba bix-xewqa jekk mhux bil-fatti, irrid ingħidilhom biex ma jaqtgħux qalbhom. J'Alla jibqgħu jippruvaw; darba għad tista' toħroġ mill-pinna tagħhom xi ħaġa li ma jkunux jistennew, imma li tingħoġob u tinqara b'għożża mill-pubbliku (saħansitra jekk għas-sbuħija tagħha ma jkollhiex x'taqsam ma' dik l-istorja li jien irrid nikteb, imma li għadni ma ktibtx!) Mill-banda l-oħra, ħadd m'għandu jaħseb li billi jpoġġi fuq skrivanija u jwaħħal f'rasu li jrid joħloq xi biċċa letteratura b'daqshekk biss ikun hejja ruħu biżżejjed biex jagħti lid-dinja kitba li tibqa' tgħix snin wara li l-awtur tagħha jkun miet.

Kull xorta ta' kitba letterarja hi r-riżultat ta' ħafna xogħol iebes, tħejjija siekta u sabar twil. Saħansitra l-aktar storja sempliċi titlob ħafna ħsieb. L-ewwelnett l-awtur jagħżel is-suġġett u mbagħad jinseġ u jfassal l-istorja; jifli bir-reqqa kull biċċa minnha biex jara jekk kollox hux floku u f'waqtu. Aktarx iniżżel fuq biċċa karta l-punti ewlenin biex żgur ma jaħrablu xejn minn dak li jrid igħid u mbagħad jibda biex jikteb.

Hawn jibda twegħir ġdid. L-awtur jikteb l-ewwel ftit kliem li aktarx ma jogħġbuhx; iħassarhom b'daqqa ta' pinna u jerġa' jipprova... sakemm fl-aħħar jirnexxilu jfisser bi kliem xieraq dak li jixtieq igħid u li jħoss. U hekk jibqa' sejjer, paragrafu wara l-ieħor, sakemm fl-aħħar jasal fit-tmiem.

Ix-xogħol ma jintemmx hawn. L-awtur jerġa' jaqra mill-ġdid dak kollu li jkun kiteb b'ħafna taħbit. Xi kelma, xi frażi, xi sentenza sħiħa jibdew ma jogħġbuhx. Hu jħassarhom u jikteb

oħrajn minn flokhom; kultant it-tieni u t-tielet prova togħġbu inqas minn ta' l-ewwel u għalhekk jaqta' li jħalli dak li jkun kiteb l-ewwel darba. U hekk jibqa' sejjer, jifli bir-reqqa u jiżen kull kelma u kull sentiment. Fl-aħħar jieqaf.

Issa jibda thewdin ieħor: Min jaf jekk l-istorja tingħoġobx? Min jaf jekk fissertx ruħi tajjeb? — Jibda jistaqsi lilu nnifsu l-awtur. Aktarx hu jitlob il-parir ta' xi ħabib li jkun jifhem f'dan ix-xogħol. Il-ħabib jaqra bis-sabar kollu l-istorja, jeżaminaha sewwa u jsawwar fehmtu dwarha. Dan l-imħallef jista' jmaqdar jew ifaħħar, imma dejjem jagħti xi parir. B'danakollu, ħadd ħlief l-awtur innifsu ma jista' jiddeċiedi x'għandu jitħalla barra, jiżdied jew jinbidel. Għalhekk qalb il-kittieb tibqa' ttaqtaq — għad fadal l-editur u mħallef ieħor aktar aħrax, il-pubbliku. F'idejhom ix-xorti ta' l-istorja, u l-awtur ma jistax jagħmel ħaġa aħjar milli joqgħod bis-sabar jistenna l-verdett tagħhom.

Kelma ta' l-aħħar. Ħadd m'għandu jaqta' qalbu jekk l-ewwel xogħol tiegħu ma jkunx milqugħ tajjeb, ukoll jekk ikun swielu ħafna għaraq. Fl-istorja tal-letteratura niltaqgħu ma' kemm-il-ġrajja ta' din ix-xorta, fejn kittieb baqa' żmien twil mhux magħruf u magħżuż u li fl-aħħar kiseb isem kbir, xi drabi wara mewtu.

Dan hu l-pjan li fuqu beħsiebni nimxi biex nikteb l-istorja sabiħa tiegħi u naqta' xewqti. Xi darba għad forsi jirnexxili u hekk nagħti lix-Xirka għat-Tixrid ta' l-Ilsien Malti xi novella biex ixxandarha bir-Rediffusion.

## LIBSA ĠDIDA

"IL-MALTI", li l-qarrejja tagħna issa għandhom f'idejhom, libes libsa ġdida, il-libsa moderna ta' l-istampa, imfassla u maħduma bit-tipi tal-makna li tissejjaħ "Linotype". B'dan il-mod sa jkun jirnexxilna nagħtu materjal iżjed minn qabel f'kull ħarġa li nagħmlu u b'hekk inkunu nistgħu wkoll naqtgħu iżjed malajr ix-xewqa ta' dawk il-kittieba li ma jħalluna qatt neqsin mill-materjal.

Iżda jekk il-materjal sa jiżdied u l-istampa saret aħjar, ma għandna xi ngħidu xejn, in-nefqa għoliet ukoll. Ma naħsbux, madankollu, li l-imseħbin tagħna sa jarawha bi tqila jekk, wara tant żmien li żammejna l-prezz tat-tisħib baxx, il-lum sa ngħidulhom li minn dil-ħarġa t-tiħsib ta' "IL-MALTI" jkun 2s. 6d. fis-sena. Dawk li ma jkunx jogħġobhom dan il-għoli, nitolbuhom jibagħtulna lura dan il-Għadd biex inkunu nafu li ma jixtequx jibqgħu mseħbin magħna. Għalhekk, dawk li jżommuh ikunu qegħdin ifissrulna li huma laqgħu d-deċiżjoni li kellna nieħdu bla ma xtaqna.

Il-Membri Akkademiċi jibqgħu jieħdu r-rivista bħal qabel.

# XI ZMIEN KIEN DAK!

*Ta'* A. Cremona

*Lil sieħbi ta' torbiti*
*mqarraq minn xortih.*

Xi żmien kien dak meta fiċ-ċokon tagħna
bdejna nċaqalqu r-riġel fil-mogħdija
ta' ħajja mżewqa kollha ward fi ħdanha
quddiem żerniq ta' sema bl-ewwel dija...

Meta bħal omm b'idejha t-tnejn tilqagħna
ħassejna d-dinja u fraħna b'kulma fiha;
quddiemna rajna biss uċuħ daħkana,
bla xejn ma nafu xinhu ħsieb, tbatija;

U meta bkejna għaliex tintemm ġo fina
ma ħassejniex hekk dlonk xi xewqa żgħira,
u ma' ġenb rasna sibna l-id ħanina

timsħilna d-dmugħ u bil-bewsiet fuq fommna
nisimgħu min iwegħ'dna ħaġa kbira
li bil-ħsieb tagħha rqadna f'ħoġor ommna!...

*    *    *

Xi żmien kien dak fejn l-ieħor li għaddejna
f'ġenn ta' żgħożija meta fil-belliegħa
ta' mitt xewqa bil-ħsieb mitluf trabbejna
b'tama ta' rebħ tal-ħajja fl-isbaħ siegħa!

Xi żmien kien dak fejn dak li fih tgħabbejna
bi ħsieb qalil li l-weraq tar-rebbiegħa
waqqa' mill-moħħ, imbagħ'd quddiem għajnejna
tal-bluha ħalla biss l-imsejkna xbieha!

"O dak kien l-isbaħ żmien, u nibkuh għadna",
tisma' min igħidlek, u min jaf b'dil-karba,
lejn dak iż-żmien il-ħsieb, min jaf kemm ħadna!

U biex teħfief il-qalb minn xi tagħbija
ta' dwejjaq u ta' mrar, o kemm-il-darba
xtaqnieh iż-żmien li fih konna tarbija!

*    *    *

Iżda ma nafx l-għaliex nibkuh u tiegħu
il-jiem nixtiequ nerġgħu ngħixu fihom :
iż-żmien li fih hu kollox ħolm u miegħu
malli x-xewqat jitwieldu l-qalb tinsiehom;

U xejn ma taħseb, xejn ma tbati bihom;
u xejn ma tħoss il-qalb, u 'l ħabib tbiegħu
kull ħin, u l-waqgħat tagħha le tibkihom
u ġewwa fina l-ġieh ma jarfax driegħu!

Aħjar mitt darba tbati, tħoss il-kedda
ta' xogħol il-moħħ u r-ruħ u tgħix fi ġlieda
inti u taqsam tal-ħajja l-eħrex medda;

Aħjar mitt darba tibki u ssaffi qalbek
u tarfa' rasek : fuq is-swar ix-xhieda
tagħti ta' ruħ qalbiena lil min sallbek!

## IL-GHAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI

Il-Kunsill il-ġdid tal-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti għas-snin 1944-45 ġie magħżul hekk :—

**Presidenti Onorarji:** Wisq Rev. Monsinjur Professur Carmelo Psaila; Rev. Professur P. P. Saydon, B.Litt., B.L. Can., D.D., Lict. S. Script.

**Viċi-President Onor.:** Wisq Rev. Monsinjur P. Galea, J.C.D.

**President:** Is-Sur Ġużè Galea, M.D., D.P.H.

**Viċi-President:** Is-Sur Ant. Cremona.

**Segretarju:** Is-Sur Ġużè Chetcuti.

**Kaxxier:** Is-Sur Victor Apap.

**Membri:** Is-Sur R. Briffa, M.D., B.Sc.; Patri Wistin Born, O.P.; Dun Frans Camilleri; Sur Ġużè Cassar Pullicino; Brother Amedy Charles; Sur Ġużè Ellul Mercer; Patri Pawl Tabone, O.F.M., J.Can., Th. M. Lect. Glis.; Sur Karmenu Vassallo u s-Sur Godfrey Zarb Adami.

MAD-DINJA

# GIDBA ZGHIRA

*Ta'* Vic. Apap

*Lil* Gaston Bianchi.

KIEKU kelli nistaqsi liż-żgħażagħ li għandhom namrata: "X'tagħżlu, xebba sinċiera jew xebba li tkun taf tgħidilkom xi gidba żgħira?", ma għandna xi ngħidu xejn, il-biċċa l-kbira minnhom, biex ma ngħidx kollha, kienu jweġbuni li jagħżlu xebba sinċiera.

Hekk kont naħseb jien ukoll sa ma darba ġejt wiċċ imbwiċċ ma' waħda minn dawn it-tfajliet moderni. U stajt nifhem il-għala. Għaliex it-torbija tal-lum tat lin-nisa—u l-iżjed lix-xebbiet —mhux biss il-qawwa tal-muskoli, frott ta' l-*isports* li ħafna minnhom jindaħlu għalih, iżda wkoll qawwa kbira fil-fehmiet. Jekk huma ma jifhmux sew xinhu dak li hu tajjeb minn dak li hu ħażin (ħafna drabi lanqas aħna l-irġiel ma nifhmuh biżżejjed) b'danakollu jafu jerfgħu fuq spallejhom ir-risponsabbiltajiet tal-ħajja wisq iżjed milli kienu jafu jagħmlu x-xebbiet ta' dari. Fi żmien ommijietna, ix-xebbiet kienu jtarrfu kollox lil min hu akbar minnhom, imbagħad kienu jagħmlu li jidhrilhom minn wara dahar ommijiethom; il-lum, ix-xebbiet saru jafu, jew għall-anqas jaħsbu li jafu, iqisu l-affarijiet weħidhom u jaslu biex jagħżlu x'għandhom iwettqu bla parir ta' ħadd. B'hekk ġara li x-xebba ta' dari, f'għajnejn ommha, kienet qaddisa timxi fl-art, waqt li x-xebba tal-lum, billi hi bla mistħija, hi magħduda ta' xitan tiela' mill-infern. Għax it-tfajliet tal-lum jissugraw isejħu abjad dak li hu abjad, ukoll jekk wiċċhom minn safrani jagħmluh jidher minn lewn il-warda, u għandhom il-kuraġġ jitkellmu kif iħossu.

Għat-tfajliet tal-lum il-ħajja għandha importanza fuq kull ħaġa oħra sakemm tkun tista' twassalhom fil-hena li huma joħolmu; għaliex huma ma jridux jifhmu li l-ħajja mhix hena biss, u lanqas tgawdija u ferħ kollha kemm hi, iżda li, għall-kuntrarju, fil-ħajja hemm minsuġin ukoll is-slaleb u n-niket, u li wieħed jeħtieġlu jilqagħhom bis-sabar biex minnhom jislet tagħlim fejjiedi. Għaldaqshekk, jekk ikun hemm ħaġa li ma togħġobhomx, jaħarbuha mill-ewwel, u jgħiduha bla tlaqliq, mingħajr ma

joqogħdu jqisu li jistgħu jweġġgħu qalb ħaddieħor, jew għallanqas idejquh bi kliemhom.

It-tfajliet ta' daż-żmien huma sinċieri : mhux għaliex huma huma twajbin, iżda għaliex huma egoisti.

. . . . . . . . . . . .

Kien beda jroxx id-dlam meta ħriġt mid-dar u mort nagħmel passejn sal-ġnien li hemm ir-Rabat biswit l-Isptar ta' l-Imtarfa. Minn wara n-Nadur kienu għadhom jidhru l-aħħar imrieżaq tax-xemx nieżla, u ma' l-ajru nħasset trewwaħ il-fewġa bnina ta' fil-għaxija. Ma' ġenb bank tal-ħadid kien hemm wieqaf żagħżugħ. Resqet tiġri lejh tfajla ta' xi sbatax-il sena, kollha ferħana li ltaqgħet mal-maħbub tagħha.

Iż-żewġ żgħażagħ intasbu fuq il-bank ta' ħdejhom, u jien, bla ma ħallejthom jindunaw li kont moħħi fihom, qgħadt fuq il-ħadid tad-dawra, b'għajnejja jħarsu lejn l-arloġġ ta' l-Imtarfa, iżda b'widnejja miftuħin tajjeb għal dak li kienu sa jgħidu. U kien dan li smajt :

*Hu*—Niżżik ħajr, maħbuba tiegħi !

*Hi*—Ta' hiex?

*Hu*—Talli ma ħallejtnix nistenniek lanqas minuta waħda fuq il-ħin li ftehemna.

*Hi*—Għax kont bla sabar biex narak. U ma kellix sabar għaliex inħobbok... Kien jaqbilli li ngħaġġel.

Ix-xbejba tbissmitlu u serrħet rasha fuq spalltu.

*Hu*—(wara li qagħad jaħseb ftit fuq dak li qaltlu) : Xi trid tgħid biha : għax kien jaqbillek?

*Hi*—Kien jaqbilli ngħaġġel għax miegħek inkun hienja.

*Hu*—Imma inti tagħmel dak biss li jhennik?

*Hi*—U għaliex għandi nagħmel dak li ma jagħtinix gost?

*Hu*—Irrid ingħid : jekk għada jkollok tbati xi ħaġa għalija, ma tagħmilhiex?

*Hi*—Nerġa' ngħidlek : nagħmilha kemm-il darba dil-ħaġa tista' tnissilli l-hena fija.

*Hu*—U mhux biex tagħmel pjaċir lili?...

*Hi*—(miblugħa) Sabiħa din ! Sakemm indumu ninħabbu għandu jagħmilna hienja li nbatu xi ħaġa għal xulxin.

*Hu*—(imħasseb) Sakemm indumu ninħabbu? Allura inti taħseb li għad nistgħu ma ninħabbux iżjed?

*Hi*—Għaliex lè? Il-lum jew għada f'did-dinja kollox irid jintemm...

*Hu*—U meta ma tħobbnix iżjed x'tagħmel?
*Hi*—Ngħidlek.
*Hu*—Tassew li tgħidli?
*Hi*—U għaliex għandi nqarraq bik?
*Hu*—(wara ftit). Allura... ma tistax taħlifli li sa tibqa' tħobbni għal dejjem?
*Hi*—Uh! kemm int ibleh, qed iddaħħakni. Għaliex ma ġġegħelnix naħliflek li mhi sa tgħaffiġni l-ebda karrozza u tħallini mejta f'nofs ta' triq? Nittama li ma jiġrilix hekk, u dan li nixtieq, imma ma nistax naħlef li mhi sa ttajjarni l-ebda karrozza!

Jien deherli li x-xbejba kienet qiegħda titħaddet tajjeb. Iż-żagħżugħ ta' ħdejha naħseb li fehemha wkoll, imma donnu ma riedx jemmen għal kliemha. Ma basarx li t-tfajla tiegħu kienet taf tirraġuna daqshekk.

Ix-xebba kienet hemm, sabiħa u hienja, tħares lejh u titbissimlu. Iżda hu deherlu li kienet diġà inqas tiegħu milli kien sthajjilha ftit qabel. Minn dak il-waqt beda jibża' li sata' jisbaħ jum meta ma tkunx tiegħu aktar.

"X'inti taħseb?" staqsietu, "fuq dak li jista' jiġrilna?"

"Qed naħseb fuq il-qerq tal-ħajja," weġibha, "qerq li, madankollu, għall-ewwel ma nagħarfuhx u jkun jidher sabiħ, isbaħ mit-tama, u bilkemm ma nibdewx nemmnu fih."

Hi baqgħet tħarislu f'għajnejh u ma dehritx li qiegħda tifhmu. Għaliha kien igħodd biss li kienet hienja. Jien, li fhimtu, għedt bejni u bejn ruħi: "Il-qerq tal-ħajja! Il-qerq, ewwilla, mhux iben il-gidba?" Għalhekk għalina l-irġiel ma tagħmlilniex ħażin daqsxejn ta' gidba żgħira, bħallikieku kienet star ħelu li tgħatti ħafif ħafif is-sewwa.

U fhimt li aktarx aħjar dejjem hekk fil-ħajja, l-aktar fl-imħabba: toħlom dak li ma jistax isir, taħseb li l-imħabba hi dik biss li għaliha għandu għalfejn igħix il-bniedem, u b'hekk tkun tista' tgħaddi ħajja hienja.

Minħabba li f'dik il-lejla t-tfajla qalet lill-maħbub tagħha dak li ħasset f'qalbha, tilfet il-bewsa ta' mħabba li soltu kien jagħtiha qabel titlaq tiġri lejn id-dar. Rajthom jinfirdu t-tnejn bid-dmugħ f'għajnejhom.

Jiena wkoll mort ngħaġġel lejn dari biex, qabel ma ninsieha, inħarbex fuq karta t-taħdita li kont għadni kemm smajt.

# SUNETTI TAL-GWERRA

*Ta'* Louis Ellul

I.

## LILL-ISLA, BELT TWELIDI

Għalkemm sfajt ħerba waħda, belt baħrija,
U l-ħena fik inbidel f'waħx u qtajja';
Għadni bħal dari nħoss għalik foħrija,
Nitgħaxxaq bik, għalkemm ħiemda u bla ħajja.
Għax djarek imġarrfin m'humiex għalija
Ħlief xhieda ta' taqbida, kollha ġrajja
Ta' rebħ għażiż, miksub bid-dmugħ u d-dmija
Għar-riżq tal-Marsa l-Kbira u Dar is-Snajja'.
Quddiemi jiġu swarek għadhom sħiħa
U mkenna taħthom bħal ulied ta' ġewwa,
Ġfien l-art li qiegħda tgħin, bla ħsieb mistrieħa.
Tfarraġ, belt kbira : l-ħidma wtiqa tiegħek,
Li żżomm il-ħbieb u tbarri lill-egħdewwa,
Uriet darb'oħra kemm isarraf driegħek.

II.

## WARA T-TIENI BLITZ

Mitejn, tliet mija ġew kull darba għalina,
Iwerdnu u jgħoddsu fuqna lejl u nhar,
Immexxijin minn nies ta' qalb ħażina
U mgħammra bl-eqqel għodod ta' l-azzar.
Ħidmithom ma kenitx ħlief biss irwina
Biż-żrigħ ta' mewt u qirda minn l-agħar;
Għax ħassru u ġarrfu kulma kien jagħnina;
Bliet qodma, mqades sbieħ u l-ogħna djar.
Iżd'għalkemm fostna rajna dit-tbatija,
Li waqtiet nisslet fina xi tferfira
Ta' biża', m'għelbuniex; għax, b'fehma sħiħa,
Aktar rabbejna l-ħila għal kull ħruxija.
U llum inbierku d-dmugħ ta' ruħna kbira;
Għax b'għarqna u demmna Malta sfat rebbieħa.

## III.
## LIL NAPULJUN

Ma nafx ingħid xi nħoss ġo qalbi jiena,
Kull meta medhi nkun nixtarr ġrajjietek,
Napuljun; għax xi swew il-ħila u l-ħjiena
T'għerfek, fil-mixja qsajra ta' ħajjetek?

Għalkemm mhux darba rbaħt taqbid bla ħniena,
U ġegħ'lt lill-għadu jogħod għal talbietek;
Kellek tara t-tmiem tiegħek f'Santa Liena,
Mibgħud u mnażża' għal kollox minn qawwietek.

Int tlift, għax ridt tgħix dejjem ta' setgħani
U m'għaraftx tħabbeb miegħek lill-egħdewwa:
Sraqt ġidhom w arthom : ma kont qatt xebgħani.

Illum ukoll qed ngħaddu minn did-dnewwa;
'Ma ż-żmien ma jdumx ma jarġa' jfeġġ daħkani :
Ma ssaltan qatt il-qawwa fuq is-sewwa.

---

## IL-KUNSILL ĊENTRALI TAL-MALTI

Il-Kunsill Ċentrali tal-Malti, imwaqqaf biex iħares u jmexxi 'l quddiem l-ilsien, il-letteratura u l-kultura Maltija, ġie msawwar hekk :—

**President Onor.** : Ġużè Galea, M.D., D.P.H.

**Segretarju Onor.** : Ġużè Chetcuti.

Dawn li ġejjin huma r-rappreżentanti magħżulin mill-Għaqdiet u x-Xirkiet tal-Malti ta' Malta u ta' l-Eġittu :—

Professur Ġużè Aquilina, B.A., LL.D., Ph.D. (Lond.) ; Marju Agius ; Anton Agius Ferrante ; Ġann. Attard ; Ġeraldu Azzopardi ; Ġużè Azzopardi Debono ; Patri Wistin Born, O.P. ; Ġużè Camilleri ; Ġann. Cardona ; Ġużè Cassar Pullicino ; Brother Amedy Charles ; Ġorġ Chetcuti ; Pawlu Portelli, Ph.C. ; Patri Pawl Tabone, O.F.M., J.Can., Th.M.Lect.Glis. ; Ant. Xiberras ; Patri Leonard Zammit, O.F.M. ; Godfrey Zarb Adami.

NOVELLA

# "BIANCA"

*Ta'* G. Cassar Pullicino

KIENET ilha iktar minn siegħa x-xita nieżla bil-qliel. U l-wied għadda minn ġot-triqat, faru l-egħlieqi u waqgħu xi ħitan tas-sejjieħ. Fit-toroq ħadd: kull tant tilmaħ xi karrettun mal-ħajt, bil-bagħal mgħobbi bl-ixkejjer u sidu jistkenn taħt xi bieb—dan biss! Mill-bqija xejn!... Imma b'daqshekk mhux sejjer Ninu jaqta' qalbu u ma jmurx sal-wied. Ħalli tisħa ftit ix-xita! Imbagħad ixidd il-"boots", jitfa' inċirata fuqu u kappell qadim f'rasu, u jitlaq għall-wied, waħdu. Kull meta t-temp jagħmel hekk kien jagħmilha dil-biċċa, irid u ma jridx. Kien iħoss xi ħaġa li ġġagħlu jitlaq jimxi 'l dik in-naħa—donnu mat-tqattir ta' l-ilma u t-tvenvin tar-riħ ikun qed jisma' l-leħen ta' xi ħadd isejjaħlu lejn dak il-wied, mimli bit-tifkiriet koroh u sbieħ ta' l-imgħoddi......

Did-darba Ninu għamel bħas-soltu u telaq jimxi. L-egħlieqi baħħ! il-bdiewa kollha kienu daħlu jistkennu ġo xi dwejra jew f'xi girna—u fuq l-oqsma kien infirex bħal star ta' skiet u ta' waħx li jqanqal fil-qlub elf mistoqsija u jreġġa' fil-moħħ it-tifkira ta' kemm-il ġrajja... Hekk, sektin, dehru dawk l-istess egħlieqi lil misserijietna, u lil misserijiet misserijietna, mijiet ta' snin ilu. Il-ħbieb tagħhom baqgħu biss ix-xemx, u x-xita, u r-riħ, li kienu twieldu magħhom, igħoddu fiż-żmien daqshom u bħalhom ma jitbiddlu qatt.. Imma l-bniedem igħix għal ftit, u jmut, u jerġa' jgħix f'ta' warajh—u b'danakollu jispiċċa malajr wisq! Dak ma għandux jitqies magħhom, ma' l-egħlieqi qodma qabel kull bniedem... Kien jafhom Ninu dawk l-inħawi—kien ġera fihom meta kien għadu żgħir, ġriehom xiber b'xiber, u kien tant dara b'dawk id-dehriet, hekk daħlet fih ir-riħa tal-ħxejjex, tas-siġar u tal-ħamrija, u l-ħoss ta' l-ilma nieżel fix-xitwa fuq il-blat, li saru biċċa minnu stess!... U meta kiber baqa' jħossha wkoll din is-sejħa ta' l-egħlieqi, u kien jintilef fil-ħolm ħelu ta' l-imgħoddi kull meta jinżel sal-wied!... Imma issa kollox inbidel, u s-seħer ta' dawk l-inħawi kien inkiser mit-tifkira ta' tfajla sabiħa jisimha Bianca!...

Bianca! Kemm kien ħassu ħelu fil-widna dan l-isem l-ewwel

darba li kien semgħu! Jiftakar, huwa u rieġa' lura, kien qagħad igħidu f'qalbu t-triq kollha... Kien jum bħal dak, kienet għamlet ix-xita ħabta u sabta, u qabditha hemm, ġol-wied, lilha u lil oħtha ż-żgħira. Żgur kienu jixxarbu għasra li ma bediex igħajtilhom hu u jgħidilhom fejn jistkennew, taħt blata għolja fuq ir-riħ tal-wied... Kienu qabdu jitkellmu, l-ewwel fuq ix-xita, imbagħad fuqhom infushom. U saret taf li hu kien imur ta' sikwit il-wied, u qabel telqet iżżietu ħajr u hu staqsieha x'jisimha. U l-leħen ta' Bianca baqa' jidwi f'widnejh għal żmien!...

Ma kenitx din l-aħħar laqgħa tagħhom. Kienu ġew joqogħdu hemm, qaltu, ftit qabel, u għadha ma taf 'il ħadd. Tixtieq iddur dawk l-inħawi sew... U Ninu u Bianca saru ħbieb sewwa; żaru n-naħiet kollha tal-wied, urieha l-mogħdijiet u t-trejqat li jwasslu s'hemm, qallha fuq in-nassaba li jbakkru fil-għodu kmieni biex imorru fuq il-mansab u jifirxu x-xibka, jew fuq il-kaċċaturi li fi żmien il-passa tal-gamiem u tas-summien kienu jaslu s'hemm jistennew igħaddi xi ġewnaħ. Tarrfilha l-ħrejjef tal-fatati li kienu jħarrfu fuq dik id-dar il-kbira f'tarf il-wied li kienet dejjem battala... Iż-żmien dejjem għaddej—ħarġet ix-xitwa, ir-rebbiegħa għoddha spiċċat u s-sajf qiegħed magħna. U mat-tibdil taż-żmien inbidlet ukoll il-ħbiberija bejn Ninu u Bianca u saret xi ħaġa oħra li n-nies issejjaħ Imħabba... Għaddejjin id f'id qalb il-qamħ isfar tax-xahar ta' Mejju, ħalfu kemm-il darba li mħabbithom kellha tkun sal-mewt. Ma' kull xahar l-imħabba kienet tikber magħhom... Ninu kien iħossu qed igħix f'dinja oħra—imma Bianca, għax tgħid, kienet dejjem maħkuma minn dell ta' swied il-qalb!

Bianca kienet tħoss xi ħaġa tgħidilha li ħajja hekk sabiħa ma setgħetx iddum żmien twil. Kellha bilfors tinqala' xi ħaġa biex tqajjimhom minn dik il-ħolma li kienu fiha. U fost l-akbar hena ġie li bdiet tibki u xxerred dmugħ jaħraq! Bħat-tfajla talgħanja, qisha kienet imwielda minn blata samma għax il-biki biss kien rabbieha! Ħajjitha kollha hekk kienet! Malli taqbad tieħu r-ruħ dejjem jara x'jinqala', u kienet terġa' tinżel fil-qiegħ, fi dwejjaq kbar.. Għalhekk id-dmugħ kien jaqbżilha minn għajnejha fost it-tifwir bl-imħabba ta' qalbha żagħżugħa!...

Donnha l-qalb ta' Bianca kienet ħebbritha bit-tmiem li kellu jkun għaliha! Ġiet il-gwerra u kienet minn ta' l-ewwel li ġarrbet il-qilla tal-bombi tal-għadu. Mietet mirduma—u l-mewt tagħha għall-ewwel bellhet 'il Ninu, li baqa' jmur bħas-soltu fil-wied,

isejħilha b'isimha, u jieqaf, jissemma' għad-diwi tal-leħen tiegħu biss!......

Issa għaddew ix-xhur u Ninu beda joqgħod għall-ħajja ta' madwaru. Imma meta, bħal dak in-nhar, tagħmel ix-xita u jħoss is-sejħa ta' Bianca ġejja minn naħa tal-wied, irid joħroġ, u jmur qalb l-egħlieqi, u hemm ifittixha f'kull rokna tal-wied... U fil-ħsieb tiegħu jerġa' jgħix għal ftit ma' l-imsejkna Bianca maqtula mingħajr ħtija!...

---

# IS-SIGRIET TA' MEJJU

*Ta'* E. AGIUS

Għalfejn jiġi Mejju,
L-imdieheb, il-ħlejju,
Isejjaħ għall-ħajja
Kemm huma l-ħolqien?
Għalfejn ir-rebbiegħa,
F'kull naħa, f'kull siegħa.
Issebbaħ u ssaħħar
L-għoljiet u l-widien?

Jien naf, għaliex darba
Mill-bliet għamilt ħarba,
Tlaqt kollox warajja
Bla ħsieb u bla qies:
Kien l-ewwel ta' Mejju,
Ifewwaħ bil-plejju,
Intlift qalb ir-raba',
Wisq b'għod minn man-nies.

Hawnhekk jien qsamt ħsiebi
Ma' dawk l'huma ħbiebi,
Mal-friefet imferrfxa,
Man-naħal beżlin,
Mal-pepprin ħamrani,
Mal-kemmun daħkani,
Mal-gremxul imgerrxa,
L-għasafar henjin.

Dawn lili qaluli,
B'għemilhom fissruli,
Xi tkun ir-rebbiegħa,
Il-ħajja xi tkun;
Tifsir illi jiena
Mġiegħel mill-ħniena,
Lil ħadd m'jien sa ngħidu
Ikun min ikun.

Oh ftakru li Mejju,
Il-fietel, il-ħlejju,
Jinbagħat biex iferraħ
Il-qlub tal-bnedmin,
Fid-djieq ta' Novembru,
Fis-sried ta' Diċembru
Ta' Mejju t-tifkira
Tagħmilkom henjin.

ESSAY

# IT-TIDDIN TAS-SERDUK

*Ta'* Paul J. Naudi

*"Mwaqqaf fuq saqajh is-serduk qagħad*
*Għonqu merfugħ, magħluqa għajnejh, stirat,*
*U jidden biex iħabbar il-jum beda mbagħad."*

DIN id-deskrizzjoni ħajja u sabiħa tas-serduk mill-magħruf Chaucer, missier il-letteratura Ingliża, hija żieda oħra fis-sensiela ta' xogħlijiet poetiċi tiegħu li jgħaxxqu u jpaxxu l-widna. Bi ftit daqqiet ta' mgħallem kbir iqegħdilna quddiem għajnejna s-serduk mimli bil-ħajja li allura kollu kburi jaqbeż minn ġol-kwadru u jħabbar lilu nnifsu b'għajta twila u rqiqa li fiha jitfa' saħħtu u ħiltu biex juri li hu sa jkun tromba li tidwi u tqajjem ġo qlubna bosta u bosta ġrajjiet.

Iżda għajnejh huma magħluqa. Qalbu ma taqbiżx mal-ferħ, ma tingħafasx mad-dwejjaq, ma tħennx u ma tinqasamx bħal talbnedmin. Hu jħabbar biss il-ġrajjiet bla ma jista' jifhimhom; ma jafx xinhu niket, ma jafx xinhu ferħ, biżżejjed għalih li jiżżattat u jidden sakemm taħfnu u tobormu l-mewt. L-ewwel żerniq ta' dawl mas-sebħ jilma fuq ġawhar ċkejkna u safja ta' nida li jfiġġ minn ġo ward ta' kull lewn u fuq is-siġar għolja taċ-ċipress. L-għasfur ċkejken minsub fuq fergħa jħares madwaru f'ħemda ta' għoġba, saħansitra l-iċken żiffa tieqaf imbeżżgħa li tfixkel lil Venere minsuba f'xifer l-għadira titpaxxa bi sbuħitha.—F'daqqa, jidden, jidden is-serduk u b'għajta twila jikser dik il-ħemda ta' serħ u jimla bil-ħajja dik il-panorama tas-sebħ ftit qabel miksija f'mant ta' skiet liema bħalu. Is-siġar jibdew iċaqalqu l-weraq u l-friegħi bħalkieku lubiena min-nagħsa twila u jxerrdu fl-art madwarhom mitt ġawhra miksura f'elf riflessjoni ta' lwien, l-għasafar jerfgħu rashom ċkejkna u bellusija u jintilfu fl-oħla għana b'radd ta' ħajr lill-Hallieq u t-tiddin tas-serduk jiġġerra u jgħaddi minn qasam għal ieħor, jinfed minn dar għal dar, imelles għerejjex l-iżjed foqra u jidwi f'palazzi kbar u għonja u kull fejn igħaddi jxerred sentimenti ta' hena u ta' niket u jħares lejn id-dmugħ u lejn il-ferħ b'qalb bierda li ma tifhimx u li ma tistax tħoss.

Il-għarus, b'ngħasu mtajjar, minsub, le fuq sodda iżda fuq

ix-xwiek, jistenna s-sebħ ta' dak il-jum sabiħ b'qalb tħabbat bil-ħerqa ta' l-imħabba. Id-dlam tal-lejl jagħfas eqqel fuq ħsibijietu u jressaqhom madwaru bħal dehriet ħajja.—Qniepen idoqqu, il-ħin qasir, iżda bla sabar fis-sagristija, it-tnehid ħelu ta' l-orgni, imbagħad il-għarusa, bajda, fil-biża' ta' mħabbitha, daqs il-libsa li tkun ixxidd, tidħol qajl qajl bil-ħlewwa tixteħet fi ħdan il-maqdes, l-id tal-qassis tintrefa' u tinżel biex tbierek dik l-għaqda li Alla biss jorbot, li Alla biss iħoll.—Jidden is-serduku l-għarus jaqbeż minn ġol-firxa bħal vleġġa, iżda s-serduk ma jistax iħoss, ma jistax jifhem xi tfisser l-għajta tiegħu għal dak iż-żagħżugħ mimli mħabba f'dak il-jum hieni u sabiħ. Jidden is-serduk u l-għajta tiegħu tisrek u taħrab u tidwi minn naħa għal oħra, fost it-tħaxwix ta' l-imsaġar u l-gliegel tal-widien, saħansitra fost l-oqsma intertqa u mħarbta tat-taqbid. Niket bla faraġ isaltan kullimkien, irġiel imċewlħa ma' l-art igħumu f'demmhom, irħula u bliet sħaħ mhumiex ħlief irmied u tiġrif, iżda saret il-paċi, ir-rebħa hija tagħna, u t-tiddin tas-serduk ikebbes fil-qlub tal-bnedmin ix-xewqa li jfittxu l-hena u l-paċi ta' djarhom, li jerġgħu lura u jiksu bil-bews ħaddejn uliedhom, li jħaddnu ma' sidirhom 'il marthom, li jinxteħtu fi ħdan ommhom u jitolbuha l-barka.

Saħansitra l-feruti fl-isptarijiet u fuq il-kampijiet tat-taqbid, wara lejla twila mimlija waħx u tbatija jħossu t-tama tikber ġo fihom hekk kif is-serduk iħabbar is-sebħ, il-bidu ta' jum ġdid. Il-morda, sew ġewwa djar għonja u kemm ġo għerejjex fqajra, kollha jistennew bil-ħerqa l-ewwel żerniq tas-sebħ. Bosta forsi għaddew lejla fost uġigħ liema bħalu, fost tbatijiet tal-biża', oħrajn b'sieq waħda fil-qabar, għaddew lejl iħarħru bla nifs, jissieltu mal-mewt biex jaraw il-għodwa. Tarbija, mitlufa f'nieqa ċkejkna, b'nifsha magħfus b'tisfira miksura, tistenna li tara l-wiċċ ħanin ta' ommha. Żagħżugħ milwi bl-uġigħ ta' marda kiefra jitfarraġ kif jisma' s-serduk jidden u rasu tnin fuq ommu xwejħa u mnikkta, ħaddejh jintelqu fuq sidirha u xagħarha lewn il-fidda jitħallat ma' tiegħu u d-dmugħ iġelben, iġelben biex jaħsel żewġ qlub imnikkta. Omm titbissem fost l-uġigħ x'ħin l-ewwel raġġi tas-sebħ jiddu fuq wiċċ it-tarbija li għadha kemm titwieled. Sider kulħadd jimtela' bit-tama u sakemm il-qalb tħabbat bil-ħajja, żgħażagħ u xjuħ, morda u feruti, kulħadd jifraħ meta jisma' s-serduk jidden.

Iżda meta l-ħajja tgħib, meta l-id kiesħa tal-mewt tinżel u taħsad il dawk li tkun tħobb, lil dawk li għixt u bkejt fi ħdanhom,

hemm t-tiddin tas-serduk jidħol bħal xewka bi skoss wara l-ieħor ixoqqlok qalbek, īfakkrek fl-imgħoddi. Il-mewġ tan-niket jofrogħ u jitliegħeb mal-mewġ tad-dwejjaq, ilfiqa tilħaq oħra, tingħafas qalbek, tħoss għoqda tielgħa tagħfas, tagħfas fi grieżmek li titfisser bi dmugħ iżda mhux bi kliem. Il-mewt taħsad bla ħniena u minn fejn tgħaddi tħalli baħħ li ma jistax jimtela, tħalli telf li ma jistax jerġa' jinkiseb. Tista' tkun it-telfa ta' omm misruqa wisq kmieni minn ħdan uliedha, jew it-telfa ta' missier li jħalli familja abbandunata fil-għaks u fil-faqar. Tista' tkun mara misruqa minn ħdan żewġha fl-ewwel jiem tal-għaqda hienja tagħhom, jew xbejba maħfuna minn ġod-dirgħajn mimlija ħerqa ta' l-imħabba tal-għarus tagħha. Għal dawk l-imsejkna t-tiddin tas-serduk ma jġibx ħlief ħsebijiet imnikkta ta' dak li għalih għalxejn jixtiequ, għalxejn jitniehdu. Iżda s-serduk jidden b'għajnejh magħluqa, qalbu tħabbat għax għandha tħabbat, imma ma tħossx, u l-imħabba għalih ma tfisser xejn. Huwa bħal dak il-paljaċċu li mistur b'rix li jlellex, igħanni b'qalb maqsuma biex jaqsam lil tagħna u jīsirqilna l-faraġ bid-dwejjaq tiegħu.

Iżda hemm oħrajn bil-bosta iżjed imsejkna minn dawn, hemm oħrajn li t-tiddin tas-serduk idoqqilhom l-agunija. Minn wara l-grada magħluqa tal-ħabs, l-ikkundannat musfar u ħiemed jistenna biex itellgħuh fuq il-patibolu, l-ispjuni, minn wara bibien imsakkra, imċaħħda minn kull faraġ, jistennew mibluha l-ewwel żerniq tas-sebħ. Eroj innoċenti fil-gwerer ta' l-imgħoddi u tal-lum taħt l-amar li jiġu mneħħija mas-sebħ kollha jīstennew is-siegħa li minnha ma jstgħux jeħilsu. Min jista' jgħid xinhuma l-aħħar ħsebijiet tagħhom, min jista' jfisser it-tferfir ta' qalb waqt li l-mewt toqrob lejhom bil-qajla, wisq iżjed bil-qajla milli huma jixtiequ. Is-serduk jidden u dik l-għajta tinżel fi qlubhom biex tisraqhom mill-aħħar xaqq ta' tama. Eluf ta' bnedmin : ħabsin, qattiela, eroj u martri messithom l-istess xorti. Naraw ilkbīr Dun Mikiel Xerri, għelm ta' qlubija Maltija, jistabat mejjet f'Misraħ il-Libertà, fi żmien il-ħakma kiefra tal-Franċiżi f'Malta. Tfeġġ quddiem għajnejna, fil-Gwerra l-Kbira, il-qalbiena Edith Cavell, li b'ħajjitha fdiet bosta oħrajn mill-ħakma ħarxa tal-Germanja. Fir-Rivoluzzjoni Franċiża l-Giljottina telgħet u niżlet bla hedu u x-xafra, tilma fix-xemx ħamra bid-demm, mitluqa b'vendetta bla xaba' dejjem kienet issib l-irjus nobbli ta' nisa u tfal biex jilqgħu d-daqqa tal-mewt. Fil-paġni ta' l-Istorja dejjem nil-

taqgħu ma' bnedmin qegħdin jistennew li ddoqqilhom is-siegħa, jistennew li jidden is-serduk.

U fost dawn il-paġni tal-ħajja li jriegħxu u jisiltu l-qalb, aħna naraw is-serduk jidden fl-ikbar traġedja ta' niket li qatt issemmiet fl-istorja. Il-karfa kienet miġmugħa madwar il-kolonni u l-balavostri ta' bitħa wiesgħa miftuħa beraħ biex tilqa' x-xemx u x-xita. Id-dlamijiet tal-lejl kienu jostru d-dinja f'mant misterjuż ta' niket u dwejjaq fuq ġrajja li għandha tgħaddi, iżda li tibża' tintemm. Ħuġġieġa kienet qiegħda taqbad taħt il-portiku, ilsna ta' nar ifeġġu jitliegħbu ma' dħaħen tqal li fis-swied tagħhom jisbqu l-istess dalma tal-lejl, daqqa jdawlu wċuħ mdgħagħda u daqqa jitfgħu delliijiet imriegħda mal-ħitan u mal-kolonnar. Ġemgħa nies mirżuħa bil-kesħa tal-lejl, kienet miġbura maddawra tissaħħan. Hu kien jinsab ġo nofs dik il-karfa, marbut bilktajjen bħal qattiel mill-agħar, imsawwat, imbenġel u mżeblaħ bi kliem l-iżjed faħxi, id-demm nieżel iġelben ma' wiċċ imbiċċer, mitluq waħdu, bla ebda ħabib. Wieħed biss mexa wrajh, iżda huwa wkoll żamm il bogħod minnu fost dik il-ġemgħa madwar ilħuġġieġa "u għamel ta' bir-ruħu li ma jafux." Waħda mill-karfa xlietu bħala dixxiplu ta' Ġesù Nazzarenu. Il-għajnejn kollha, itajru nirien ta' qilla u ta' mibegħda, daru fuq Pietru, l-uċuħ kollha, imqarrsa u mdgħadgħa, daru fuq id-dixxiplu ġwejjed ta' Kristu. Il-mara, b'daħka mimlija ħjiena, firxet subgħajha lejn issajjied ta' l-erwieħ. Ġesù wkoll, mimli ħlewwa, dawwar wiċċu flaġellat u mtertaq bid-daqqiet u bħal wieħed li jixtieq xi ħaġa bil-ħerqa, tefa' għajnejh, mirfuda mix-xewk u mtappna biddmugħ u d-dmija fuq dak li f'idejh kien reħa l-merħla tiegħu.

Huwa, mitluq f'idejn il-manigoldi, kellu bżonn ta' ħabib, iżda Pietru ċaħdu u *idden, idden is-serduk.*

---

## "IL-QAWMIEN MALTI"

Patri Lettur Leonardu Zammit, O.F.M., Kunvent ta' Ġieżu, Rabat, Malta, laqa' li jkun ir-rappreżentant ta' "Il-Qawmien Malti" f'Malta.

Lill-Patri Zammit ingħatat is-setgħa li jirrappreżenta din ix-Xirka kulfejn ikun meħtieġ u li jdaħħal u jonfoq flus u jiffirma dokumenti f'isem "Il-Qawmien Malti".

# LIL IBNI OLIVER PAUL

*Ta'* K. Vassallo

Int wild poeta minn ġuf ommu—it-tielet
frotta misjura bin-nirien ta' mħabbtu,
u t-tieni tul dil-gwerra
li, ħalliela u qerrieda,
serqitlu l-pinna mn'idu
biex tatu l-azzarin.

Nittama u nemmen li ma jkunx jissielet
missierek f'din il-ġlieda,
meta u jekk Alla jkattar l-għadd ta' ħutek
fi żminijiet aħjar w aktar henjin.

Iżda ma nitnikketx, u l-ebda ndiema
u sogħba ma tiġini
jekk jien, qabel it-tmiem ta' dammet snini,
ikolli x-xorti li narak tiġġieled—
bħal dak il-Mexxej Kbir ta' l-Ingilterra,
Oliver Cromwell, b'dehnu u ħiltu u qilltu—
f'isem il-ħaqq u l-jeddijiet ta' ġensek,
kontra kull għawġ u għajb li jdellu s-sliema.
Għax is-sliema weħidha, sliema mċaħħda
mill-ħaqq u mill-ħelsien ta' ħsieb il-bniedem,
sliema li tħassel qagħ'd u għażż fil-ġisem
u bruda u mard fir-ruħ,
mhix għajr sliema ta' l-isem :
aħjar il-gwerra minnha;
aħjar il-mewt mill-ġuħ.

Jekk Alla jżommok ħaj u lili miegħek,
meta tikbirli w-issir tfajjel, jiena
nibda naħraqlek ta' kulljum il-porvli
biex jidrawh imnifsejk;

nibda noħorġok miegħi timxi u tterraq
sa ma r-rkib jisfa' l-għadu ta' riġlejk;
nibda nkellmek sikwit fuq ġlied u gwerer
sa ma nara jikluk għan-nar idejk;
nibda nħallik fid-dlam tibki u titmiegħek
fuq il-qiegħa ta' l-art sa ma griżmejk
jinxfu u jifilħu ma jkunux iwerżqu
u jfissru l-biża' tiegħek;
nibda bikri nurik qillet il-ħjiena,
kruhet il-faħx tad-dnewwa,
kif titqabad u tirbaħ lill-egħdewwa
tiegħek, t'artek u niesek :
hekk, meta jkun il-waqt, qalbek u driegħek
ma jonqsux jaqilgħuk fil-ħtiġiet tiegħek :
ma jħallukx taqta' jiesek
fil-għalqa tat-taqbid :
imma jġagħ'luk tikseb ir-rebħa u tħassel
mid-deni l-aqwa ġid.
Żminijiet koroh w agħar minn dawn tistenna
għandek, ibni, quddiemek.
Għalhekk stabar u thenna
bati mil-lum u nħaqar,
ġarrab il-għaks u l-faqar,
ixrob u laqqat kwies l-imrar mill-qiegħ.
Fl-aħħar, xi darba, qabel jasal tmiemek,
int, li tkun iġġelidt w-għelibt 'l għedewwa
ta' ħajtek u xortik, tal-ħaqq u s-sewwa,
toħroġ qawwi u rebbieħ.
U dak ikun iż-żmien
li fih isseħħ il-fidwa,
li fih isseħħ is-sliema,
li fih isseħħ il-milja tal-ħelsien !

6.2.44.

# L-ARKA TA' NOE

*Ta'* N. BIANCARDI

JIENA wieħed minn dawk li qatt ma ridt niċċaqlaq mill-Belt Valletta, fejn twelidt u trabbejt. Kont naħseb li jekk noħroġ barra minnha ma nkun nista' nidra qatt. Iżda dak li ma ridtx jien, riduh Hitler u Mussolini u, minkejja fija, kelli nitlaq mill-Belt ħabta u sabta.

Id-dar tiegħi fil-Belt kienet qisha saret il-logħba tal-vleġeġ. Qatt rajtu lil min jilgħabha? F'nofs kartuna kbira mpittra, b'nofsha xi dehra bħala *bull's eye*, imorru l-vleġeġ ta' dawk li jkunu qegħdin jimmiraw. Id-dar tiegħi kienet qisha l-*bull's eye*: flok vleġeġ mill-art bdew niżlin qribha bombi mill-ajru: bomba quddiemi, bomba warajja, bomba fix-xellug tiegħi, oħra fin-naħa tal-lemin; il-logħba kulma tmur bdiet tiħrax. Niesi bdew jidħlu fihom infushom. Qalbi bdiet ittaqtaq ukoll. Ħsara fid-dar u f'saħħti kienet saret biżżejjed. "Jeħtieġ nagħmel bħalma għamel ħaddieħor", għedt f'qalbi. U dik il-ġimgħa stess tlaqt biex nikri.

Xortija ma kenitx ħażina għal kollox. Naf ħbieb tiegħi li kellhom imorru jgħammru ma' nies li ma jaqblux magħhom. Oħrajn kellhom ideffsu rashom saħansitra f'remissa. Jiena le; xortija għenitni: sibt dar żgħira, waħda minn sitta li kienu għadhom kif inbnew, f'naħa mhux bogħod wisq mill-Belt, imma li fiha taħlita ta' nies beltin u raħlin.

Fl-ewwel jiem ħassejtni qiegħed noħlom: insejt il-ħbit mill-ajru u tlift għaqli wara l-ħdura li kienet tidher quddiemi u wara t-tjur u l-bhejjem li kienu jwennsuni bil-għajat tagħhom. Fil-Belt kont imdorri ngħix fi djar mudlama u neqsin minn dak kollu li titlob is-saħħa. Il-kera tagħhom biss għandhom li jġagħlek tibqa' tiftakar fihom. Issa kont qiegħed infaddal kemxa żgħira mill-kera u kont qiegħed nimla l-pulmuni tiegħi b'arja safja.

Ma nistax ninsa x'ħassejt fl-ewwel jiem. It-taqliba mill-belt għall-kampanja ħassejtha ħafna. Minħabba t-taħbita tal-ġarr fl-ewwel jumejn ma ħassejtx wisq it-taqliba li għamilt, imma meta l-biċċtejn għamara li kien fadalli tqiegħdu f'lokhom, jiena bdejt inħoss u ngħix ħajja oħra.

Fil-għodu bdejt nistenbaħ kmieni. Ix-xemx kienet tilħaqni sewwa u kienet tasal sa fuq is-sodda tiegħi. F'wieħed mill-ventilaturi tal-kmajra fejn kont norqod kien hemm bejta għasafar. It-

tpespis tagħha kien iħollni. Il-għajat tat-tjur ta' l-irziezet ta' ħdejja kien jimlieni bil-ferħ. Malli kont nistenbaħ kont naqbeż mis-sodda u mmur minnufih fit-tieqa biex nara r-raba' ta' quddiemi: tapit aħdar bid-dija tax-xemx tleqq fuqu li kien igħaxxaqli qalbi.

Ġew waqtiet li fihom ħlift li ma nerġax lura lejn il-Belt. Imma fid-dinja tħobb ħaġa u tobgħod oħra. Meta kont il-Belt kont indum sa nofs il-lejl nilgħab mar-radju tiegħi. Mingħajru kont qiegħed inħossni mifrud mid-dinja. Wara ġimagħtejn irnexxieli nqabbdu. Daħħalt ukoll ir-Rediffusion. Fil-bidu ħassejtni qiegħed ingħix fil-ġenna ta' l-art. Insejt għal kollox li qegħdin fi gwerra, għad li l-bombi baqgħu jfakkruni f'dak li kien għadu qiegħed jiġri.

Ir-raħħala ta' l-irziezet ta' ħdejja huma mdorrijin jorqdu ma' l-Ave Marija u jqumu mal-Pater Noster. Dawn xejn ma huma l-ħinijiet tiegħi. Malli bdew jaqbżu d-disgħa ta' bil-lejl, niesi kienu jkunu jriduni nagħlaq ir-radju biex ma nnaffarx lir-raħħala ġirien tagħna. Tagħlaq ir-radju fid-disgħa ta' bil-lejl ifisser li inti titlef l-isbaħ programmi. Bdejt inħossni issikkat. Bit-tama li nitħabbeb mal-ġirien ġodda tiegħi, kull nhar ta' Ħadd kont inżomm ir-Rediffusion miftuħ u kont noqgħod insemmagħhom id-diski talgħana Malti u t-taħdita tal-bdiewa bejn Peppi u Toni. Sa hawn kollox sewwa. Kull nhar ta' Ħadd arahom jinġabru wara biebi mid-disgħa u ma jqumux qabel joqrob tal-borom. Il-bċejjeċ l-oħra tar-Rediffusion, fosthom it-taħditiet li nxandar jien, kienu jdejquhom daqskemm kien idejjaqhom ir-radju.

Bdejt inħossni mdejjaq, issikkat. U bdejt nara li l-hena li bdejt inħoss fl-ewwel jiem beda jonqos. Ngħasi ma baqax tqil bħalma kien fil-bidu. Malli kienu joqorbu l-erbgħa ta' fil-għodu kien ikolli nqum bil-qalb it-tajba bit-tisbit ta' satal li bih wieħed mir-raħħala kien itella' l-ilma mill-bir tiegħu biex jisqi l-bhejjem u r-raba'. Malli jxommuh, it-tjur u l-bhejjem kienu jiftħu l-ħanġra tagħhom kollha: sriedak jiddnu, għasafar ipespsu, żwiemel jiżhru, tiġieġ iqaqu, klieb jinbħu: fi ftit kliem kont inħossni qiegħed fl-Arka ta' Noe. L-inbiħ tal-klieb tal-għassa ma kienx jibda mas-sebħ: minn erbgħa sa ħamest iklieb erħilhom il-lejl kollu jinbħu, bl-imħatra bejniethom minn sa jtajjarli ngħasi l-aktar.

Is-sbuħija tal-kampanja bdiet tikrieh quddiemi. Ġismi bdejt inħossu mqatta' min-nemus u meta waqt l-ikel kont niftaħ għall-

arja kont insib ruħi msieħeb minn mijiet ta' dubbien li kienu jiġu jieklu miegħi bla ma stajt nitlob is-sehem tar-*Ration* tagħhom mill-*Protection Office.*

Il-biċċa ġnien li kelli riedet xogħol li ma kienx igħodd għalija. Il-ġenn li kelli għal kull roqgħa ħadra li kont nara naqasli. Għall-ewwel kont hekk ibleh li ħsibt li kollox sa jinbet u jikber waħdu. Imma tqarraqt. Kollox irid ix-xogħol tiegħu.

U x-xewqa li nerġa' mmur ingħix fil-Belt reġgħet bdiet titnissel fija. Kullħadd fejn ikun imdorri.

---

## RIŻULTAT TAL-KONKORS TA' BALLATI MNIEDI MILL-"GĦAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI"

Il-Ballati rebbieħa huma :—

L-ewwel : "Perfecti Mysterium Amoris" ta' Għaġġla Kbira (Karmenu Vassallo) ;

It-Tieni : "Ballata" ta' Omero P.A. Sally (Romeo L. Psayla) ;

It-Tielet : "Ballata" ta' Amorno (Patri Valentin Barbara, O.P.) ;

"Imħabba, Ħaqq u Mewt" ta' Alpha u Omega, u "Il-Ħati" ta' Helios, it-tnejn ta' Karmenu Vassallo, kienu jieħdu t-tieni u t-tielet premju kieku l-awtur tagħhom ma ħax diġà l-ewwel premju.

Imsemmijin b'tifħir skond il-grad tal-mertu tagħhom :

"Ġieħ u Għajb" ta' Malti Safi (Karmenu Vassallo) ;

"Il-Ballata tal-Ġenniena" ta' Hortus (Dun Frans Camilleri) ;

"Il-Ballata tal-Margerita" ta' Ballita (Alb. M. Cassola) ;

"Iż-Żifna tal-Friefet" ta' Le Papillon (Victor Apap) ;

"Imħabba fin-Nirien" ta' Lucerna (Kelinu Vella Haber) ;

"Ballata" ta' Pacificus (Marju Agius) ;

"Ballata" ta' Ypsilon (Ġorġ Chetcuti).

Il-poeżiji ġew eżaminati mill-Wisq Rev. Monsinjur Professur Carmelo Psaila (Dun Karm), is-Sur Nin Cremona u s-Sur Godfrey Zarb Adami.

Ir-rapport maħdum bir-reqqa li għamlu jidher fil-ħarġa ta' Ġunju flimkien mal-Ballati msemmijin fuq.

# RECENSJONI

**RAĊEL BIL-GHAQAL.—Ġrajja ta' Malta, ta' Ċuże' Galea pp. 82. Lux Press., 1944.**

MINN kittieb ta' żewġ romanzi Maltin bħalma huma "Żmien l-Ispanjoli u "San Ġwann" u ta' bosta novelli ta' żmien il-gwerra tal-lum li s'issa dehru f'"Il-Malti" u f'"Leħen il-Malti" minn xi tliet snin 'l hawn, aħna ma konniex nistennew li dan ir-rakkont sa jagħmel għajb lil sħabu. U tassew li ma għamlilhomx għajb, iżda f'xi bċejjeċ sebaqhom fil-ġmiel ta' l-istil u fir-reqqa tal-kitba! Għalhekk nistgħu ngħidu li b'dan ix-xogħol ta' kitba Maltija t-Tabib Galea żied ġawhra oħra ma' dawk li bihom s'issa għaraf iżejjen il-letteratura Maltija. Il-proża narrativa tat-Tabib Galea, għal dak li hu vokabularju, idjomi, frażi ħajja, tifsil u nisġa ta' ġrajjiet u deskrizzjonijiet tiġi li tħalli warajha wkoll lil dik ta' l-aqwa romanzieri Maltin li s'issa kellna.

Bħalma nsibu fir-rumanzi u stejjer li kiteb qabel, f'dan ir-rakkont, dan il-kittieb għaraf joħloq ġrajja hekk imżewqa, b'karattri ta' nies hekk minquxin u maqlugħin, b'episodji hekk ħajjin, b'ċirkustanzi minsuġin hekk sabiħ u bis-sengħa — fejn kull tarf ta' ġrajja jħallik bix-xewqa li tkun taf it-tmiem tiegħu — illi meta taqbad l-ewwel faċċata jkollok mitt sena li tasal fl-aħħar waħda u taqra l-ktieb kollu f'nifs wieħed. Ma hemm l-ebda karattru li ma jgħaxxqekx bil-lwien li bih hu pinġut, tibda minn dak tal-għaref u għaqli Marku Falzun u tispiċċa f'dak ta' bniedem qalbu xierfa u ħajna bħalma hu Diegu Alagona.

Fix-xbieha ta' Miju Mekkek il-kittieb wera għajn fina li taf tara, taqra u tixrob il-fiżonomija ta' bniedem li jpatti fil-ħżunija ta' moħħu u ta' qalbu għall-għaġeb u kruha ta' figurtu. Dan hu wieħed mill-karattri tipiċi li nsibuh biss pinġut tajjeb mill-aqwa romanzieri li fil-proża tagħhom hemm l-isbaħ mera tal-passjonijiet sew għolja kemm baxxi tal-qalb tal-bniedem. Il-qawwa tal-pinna ta' dan il-kittieb tidher l-iktar fid-deskrizzjonijiet bħal fix-xogħlijiet l-oħra li s'issa rajna miktubin minnu. F'dik tat-tempesta tal-baħar huwa jurina, mill-"ewwel fewġa li qajmet ċafċifa f'wiċċ il-baħar" sakemm il-muntanji tal-mewġ tal-baħar dehru li riedu jibilgħu l-bastiment, id-daqqiet tal-pinzell li bihom il-kittieb għaraf ipinġi wieħed mill-isbaħ kwadri tas-sengħa tal-kitba fejn il-għajn tara "s-sabiħ" fil-waħx tan-Natura.

L-egħluq tar-rakkont,—fejn jiltaqgħu t-trufijiet kollha tal-ħjut li bihom huma minsuġin il-ġrajjiet kollha li jgħaqqdu t-tmiem li jikxef għad-dawl tas-Sewwa u tal-Ħaqq il-qerq, in-nases, ir-regħba, ħażen u ġuferija ta' nies bħalma huma Diegu Alagona u l-qaddej tiegħu Miju Mekkek u r-ruħ għaqlija, twajba u qalbiena ta' Marku Falzun, u l-qalb safja ta' nies bħalma hi dik tat-tfajiel Rigu u ta' missieru Luqa Briffa, l-imsejken suldat tad-Dejma, u l-karattru sod tal-Kanċillier—huwa l qofol ta' xogħol ta' l-isbaħ vinturi li s'issa nkitbu bil-Malti għal idejn it-tfal ta' l-iskola. Il-ħsieb ta' l-awtur li jikteb ktieb tal-qari li bih jedha l-moħħ tat-tifel

u jixtarr il-ħlewwa tal-Lsien Malti u, fl-istess ħin, jitgħallem bla tbatija, jidher li rnexxa fil-biċċa l-kbira. Jista' jkun li fin-nisġa tal-ġrajja hemm xi tpinġija ta' karattri li hi psikoloġika żżejjed u li f'xi bnadi hemm ukoll espressjonijiet li huma wisq tekniċi f'rakkont għat-tfal, bħalma ngħidu aħna, il-kliem tal-bċejjeċ u mattjatura tal-bastiment tal-qlugħ, li, barra milli jtaqqlu l-istil mexxej jiġi li jħawdu u jgħajju l-moħħ tat-tifel — iżda fuq kollox għandna wkoll nistqarru li dan ir-rakkont huwa wieħed mill-ifjen bħala qari letterarju.

Bħala ktieb għall-iskejjel huwa mbagħad il-ktieb mudell; fih, infatti, insibu saħansitra nieqes l-element ta' passjonijiet fiergħa li bihom jixegħlu l-qlub ta' raġel u mara u li dlonk issib f'kull ġrajja, passjonijiet li xi mindaqqiet imarrdu l-moħħ u l-qalb taż-żgħażagħ. Bħalma kien xieraq għal ktieb bħal dan, insibu fl-aħħarnett, illi fir-rakkont kollox hu mibni fuq is-sens ta' tagħlim morali fejn il-ħażin, il-qarrieq u r-rgħib huwa t-tellief fil-waqt li għaqli u l-onest huwa r-rebbieħ.

Qabel ma nagħalqu dan id-daqsxejn ta' studju kritiku nixtiequ, għall-ħaqq u s-sewwa, nistqarru illi fil-kitba ta' dan ix-xogħol, kif sibna f'xogħlijiet oħra ta' l-istess kittieb, hemm xi kelmiet li huma safja żżejjed u li setgħu jitfissru aħjar b'termonoloġija iktar mexxejja, xi modi avverbjali li huma mtennijin ta' sikwit, kif ukoll xi daqsxejn ta' prolissità f'xi ħsieb u riflessjonijiet u xi għiltijiet żgħar iktarx biċċa minnhom ta' l-istampa milli ta' l-ortografija li xtaqna jissewwew f'edizzjoni oħra. L-isem tal-protagonista Marku Falzun (daqqa msemmi b'ismu u kunjomu sħiħ u daqqa b'ismu jew b'kunjomu biss) jidher għal iżjed minn darba fl-istess sentenza fejn floku jista' joqgħod tajjeb u aħjar il-pronom. Iżda dawn huma tebgħat wisq ċkejkna li ma jdennsu b'xejn il-ġmiel tar-rakkont u ta' l-istil idjomatiku li bih hu miktub, ġmiel illi ftit huma dawk il-kittieba Maltin li s'issa jistgħu jgħidu bih għarfu jżejnu l-proża Maltija tagħna.

a.c.

---

## TISWIJA

Nixtiequ nsewwu żball ta' l-istampa li qabżilna, fil-ħarġa ta' Diċembru li għadda, fis-sunett "Fi Twelid Sidna" ta' Patri V. V. Barbara, O.P. It-tielet vers tat-tieni strofa jrid jinqara:

"Tan-nar ta' mħabbtu, għaliex Hu l-Messija."

Nittamaw li l-awtur jaħfrilna.

Agent Direttur: ANT. CREMONA

Ħlas 2/6 fis-sena. Ktieb wieħed 1/-
Dak li hu ħlas tar-rivista jinbagħat
lil Victor Apap, Villino Schembri,
Rabat.